

31991L0533

L 288/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.10.1991

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**ta' l-14 ta' Ottubru 1991****dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni ta' l-impjeg**

(91/533/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-iżvilupp, fl-Istati Membri, ta' forom ġodda ta' xogħol wassal għall-żieda fin-numru tat-tipi ta' relazzjoni ta' l-impjeg;

Billi, affrontati b'dan l-iżvilupp, ċerti Stati Membri kkunsidraw li huwa meħtieġ li jissoġġettaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol għall-ħtiġijiet formali; billi dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba biex jipprovdu l-ħaddiema bi protezzjoni mtejba kontra kull ksur possibbli tad-drittijiet tagħhom u biex joħlqu trasparenza akbar fis-suq tax-xogħol;

Billi l-leġislazzjoni rilevanti ta' l-Istati Membri hi differenti konsiderevolment fuq punti fundamentali bħall-ħtieġa li wieħed jinforma lill-ħaddiema bil-miktub dwar it-termini prinċipali tal-kuntratt jew tar-relazzjoni tal-impjeg;

Billi differenzi fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri jista' jkollhom effett dirett fuq it-tħaddim tas-suq komuni;

Billi l-Artikolu 117 tat-Trattat jagħmel provvediment għall-qbil bejn l-Istati Membri dwar il-bżonn li jħeġġu kundizzjonijiet tax-

xogħol imtejba u livell imtejjeb ta' għixien għall-ħaddiema, sabiex jagħmel possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom filwaqt li jiġi miżmum it-titjib;

Billi punt 9 tal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Fundamentali Soċjali għall-ħaddiema, adottata fil-Kunsill Ewropew ta' Strasburgu fid-9 ta' Diċembru 1989 mill-Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvern ta' 11-il Stat Membru, jgħid:

“Il-kundizzjonijiet ta' l-impjeg ta' kull ħaddiem/a tal-Komunità Ewropea għandhom ikunu stipulati fil-liġi, ftehim kollettiv jew kuntratt ta' impjeg, skond l-arranġamenti f'kull pajjiż.”;

Billi huwa neċessarju li tiġi stabbilita f'livell Kommunitarju l-ħtieġa ġenerali li kull ħaddiem għandu jkun mogħti b'dokument li jkun fih informazzjoni dwar l-elementi essenzjali tal-kuntratt tiegħu jew tar-relazzjoni ta' l-impjeg;

Billi, invista tal-bżonn li jiġi miżmum ċertu grad ta' flessibilità fir-relazzjonijiet ta' l-impjeg, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeskludu ċerti każi limitati ta' relazzjoni ta' impjeg mill-iskop ta' applikazzjoni tad-Direttiva;

Billi l-obbligazzjoni li wieħed jagħti informazzjoni tista' tintlaħaq permezz ta' kuntratt miktub, ittra ta' appuntament jew wieħed jew aktar dokumenti jew, jekk huma neqsin, dikjarazzjoni bil-miktub iffirmit minn dak li jħaddem;

Billi, fil-każ ta' l-espatrijazzjoni tal-ħaddiem, dan ta' l-aħħar għandu, minbarra t-termini prinċipali tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjeg tiegħu, jingħata informazzjoni rilevanti konnessa mas-sekondar tiegħu;

⁽¹⁾ ĠU C 24, tal-31.1.1991, p. 3.

⁽²⁾ ĠU C 240, tas-16.9.1991, p. 21.

⁽³⁾ ĠU C 159, tas-17.6.1991, p. 32.

Billi, sabiex jiġu protetti l-interessi tal-ħaddiema rigward l-otteniment ta' dokument, kull tibdil fil-termini prinċipali tal-kuntratt jew fir-relazzjoni ta' l-impjeg għandu jkun mgħoddi lilhom bil-miktub;

Billi huwa neċessarju għall-Istati Membri li jggarantixxu li l-ħaddiema jistgħu jfittxu d-drittijiet mogħtija lilhom minn din id-Direttiva;

Billi l-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet leġislattivi neċessarji biex jaqblu ma' din id-Direttiva jew għandhom jaċċertaw li ż-żewġ naħat ta' l-industrija li jwaqqfu d-dispożizzjonijiet neċessarji mill-ftehim, filwaqt li l-Istati Membri huma obbligati li jieħdu l-passi neċessarji li jgħinuhom f'kull ħin biex jgarantixxu r-riżultati imposti minn din id-Direttiva.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Ikop

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull impjegat imħallas li għandu kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjeg definit mil-liġi fis-seħħ fi Stat Membru u/jew iggvernat mil-liġi fis-seħħ fi Stat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-ħaddiema li għandhom kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjeg:

- (a) — b'dewmien totali li ma' jaqbiżx xahar, u/jew
— b' ġimgħa ta' ħidma li ma' taqbiżx it-tmien sigħat; jew
- (b) ta' natura każwali u/jew speċifika sakemm, f'dawn il-każijiet, li n-non applikazzjoni tagħha hi ġġustifikata mill-kunsiderazzjonijiet oġġettivi.

L-Artikolu 2

L-Obbligazzjoni li wieħed jagħti informazzjoni

1. Min iħaddem għandu jkun obligat li jgħarraf lill-ħaddiem li għalih tapplika din id-Direttiva, minn hawn il' quddiem imsemmi "il-ħaddiem", bl-aspetti essenzjali tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjeg.

2. L-informazzjoni imsemmija f'paragrafu 1 għandha tkopri mill-inqas dan li ġej:

- (a) l-identitajiet tal-partijiet;
- (b) il-post tax-xogħol, fejn m'hemmx post tax-xogħol fiss jew prinċipali, il-prinċipju li l-ħaddiem hu impjegat f'numru ta' postijiet u l-post tal-kummerċ irreġistrat jew, fejn hu xieraq, l-indirizz ta' dak li jħaddem;

(c) (i) it-titolu, grad, natura jew kategorija tax-xogħol li għalih il-ħaddiem hu mpjegat; jew

(ii) speċifikazzjoni jew deskrizzjoni qasira tax-xogħol;

(d) id-data tal-bidu tal-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' l-impjeg;

(e) fil-każ ta' kuntratt temporanju jew relazzjoni ta' l-impjeg, id-dewmien mistenni tiegħu;

(f) l-ammont tal-frank li għalih il-ħaddiem hu intitolat jew, fejn dan ma jstax jkun indikat meta tingħata l-informazzjoni, il-proċeduri għall-allokkazzjoni u d-determinazzjoni ta' dan il-frank;

(g) it-tul tal-perijodi ta' avviż li għandu jiġi osservat minn dak li jħaddem u l-ħaddiem, kieku l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' l-impjeg tagħhom kellu jintemm jew, fejn dan ma jkunx jista' jiġi indikat meta' tingħata l-informazzjoni, l-metodu għad-determinazzjoni ta' dawn il-perijodi ta' tagħrif;

(h) l-ammont bażiku tal-bidu, l-elementi komponenti l-oħra u l-frekwenza tal-pagament tar-remunerazzjoni li għalihom il-ħaddiem hu intitolat;

(i) it-tul tal-ġurnata jew ġimgħa tax-xogħol normali tal-ħaddiem;

(j) fejn hu xieraq;

(i) il-ftehim kollettiv li jgħverna l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiem;

jew

(ii) fil-każ ta' ftehim kollettiv konkluż barra s-settur minn korpi magħquda jew istituzzjonijiet jew, l-isem tal-korp kompetenti jew ta' l-istituzzjoni magħquda li fiha l-ftehim kien konkluż.

3. L-informazzjoni msemmija f'paragrafu 2(f), (g), (h) u (i) tista', fejn hu xieraq, tingħata fil-forma ta' referenza għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi jew statutorji jew ftehim kollettiv li jgħverna dawk il-punti partikolari.

L-Artikolu 3

Il-Mezzi ta' informazzjoni

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(2) tista' tingħata lill-ħaddiem, mhux aktar tard minn xahrejn wara l-bidu ta' l-impjeg, fil-forma ta':

(a) kuntratt miktub ta' l-impjeg; u/jew

(b) ittra ta' appuntament; u/jew

(c) dokument miktub wieħed jew aktar, fejn wieħed minn dawn id-dokumenti fih minn ta' l-inqas l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 2(2)(a), (b), (c), (d), (h) u (i).

2. Fejn l-ebda mid-dokumenti imsemmiji f'paragrafu 1 ma jin-għata lill-ħaddiem fiż-żmien preskritt, min iħaddem għandu jkun obbligat li jagħti lill-ħaddiem, mhux aktar tard minn xahrejn wara l-bidu ta' l-impjieg, dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn min iħaddem u li fiha mill-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(2).

Fejn id-dokument(i) imsemmi/ja fil-paragrafu 1 fih biss parti mill-informazzjoni meħtieġa, id-dikjarazzjoni bil-miktub li jipprovdi għaliha l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkopri l-kumpliment ta' l-informazzjoni.

3. Fejn il-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' l-impjieg jintemm qabel it-tmiem tal-perijodu ta' xahrejn mid-data tal-bidu tax-xogħol, l-informazzjoni pprovduta fl-Artikolu 2 u f'dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għall-ħaddiem sa mill-inqas l-aħħar ta' dan il-perijodu.

L-Artikolu 4

Il-Ħaddiema ekspatriji

1. Fejn ħaddiem hu meħtieġ li jaħdem f'pajjiż jew pajjiżi barra l-Istat Membru li l-liġijiet tagħhom u/jew l-prattika jiggvernaw l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' l-impjieg, id-dokument(i) imsemmi/ja fl-Artikolu 3 għandu jkun fil-pussess tiegħu/tagħha qabel it-tluq tiegħu/tagħha u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

- (a) id-dewmien ta' l-impjieg barra mill-pajjiż;
- (b) il-munita li għandha tintuża għall-pagament tar-remunerazzjoni;
- (ċ) fejn xieraq, il-benefiċċju fi flus jew *in natura* li jiġu ma' impjieg barra mill-pajjiż;
- (d) fejn hu xieraq, l-kundizzjonijiet li jiggvernaw ir-rimpatrijazzjoni tal-ħaddiem.

2. L-informazzjoni msemmija f'paragrafu 1(b) u (ċ) tista' fejn hu xieraq, tingħata fil-forma ta' referenza għal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi jew statutorji jew ftehim kollettiv li jiggvernaw dawk il-punti partikolari.

3. Il-Paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk ż-żmien ta' l-impjieg barra l-pajjiż li l-liġi tiegħu u/jew l-prattika tiggverna l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' l-impjieg hija ta' xahar jew inqas.

L-Artikolu 5

Il-bdil ta' aspetti tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg

1. Kull bidla fid-dettalji imsemmija f'Artikoli 2(2) u 4(1) trid tkun magħmula permezz ta' dokument miktub li għandu jinġhata minn min iħaddem lill-ħaddiem mill-ewwel kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn xahar wara d-data tas-sehħa tal-bidla inkwistjoni.

2. Id-dokument miktub imsemmi f'paragrafu 1 m'għandux ikun obligatorju fil-każ ta' bidla fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi jew statutorji jew ftehimiet

kollettivi ċitati fid-dokumenti imsemmija f'Artikolu 3, miżjuda, fejn hu xieraq, skond Artikolu 4(1).

L-Artikolu 6

Il-Forma u l-prova ta' l-eżistenza ta' kuntratt jew ir-relazzjoni ta' l-impjieg u r-regoli tal-proċedura

Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi u l-prattika nazzjonali li tikkonċerna:

- il-forma tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg,
- provi rigward l-eżistenza u l-kontenut ta' kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg,
- ir-regoli ta' proċedura relevanti.

L-Artikolu 7

Id-Dispożizzjonijiet aktar favorevoli

Din id-Direttiva m'għandhiex taffetwa l-prerogattiva ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema jew biex iħeġġu jew iħallu l-applikazzjoni tal-ftehim li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

L-Artikolu 8

Id-Difiża tad-drittijiet

1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu fis-sistemi legali tagħhom il-miżuri meħtieġa biex il-ħaddiema li jikkunsidraw lillhom infushom ittrattati ħażin permezz ta' nuqqas li jaqblu ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn din id-Direttiva jkun jistgħu jfittxu d-drittijiet tagħhom permezz ta' proċess ġuridiku wara rikors possibbli għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-aċċess għall-mezzi ta' rimedju msemmija f'paragrafu 1 lill-ħaddiem meta jkun hemm nuqqas ta' risposta fi żmien 15-il jum min-notifika.

Madankollu, l-formalità tan-notifika minn qabel, ma tista' fl-ebda każ tkun meħtieġa fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 4, u la għall-ħaddiema b'kuntratt temporanju jew b'relazzjoni ta' l-impjieg, u lanqas għall-ħaddiema mhux koperti minn ftehim kollettiv jew minn ftehim kollettiv li jirrelataw mar-relazzjoni ta' l-impjieg.

L-Artikolu 9

Id-dispożizzjonijiet finali

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet finali meħtieġa biex jaqblu ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1992 jew għandhom jaċċertaw li sa din id-data r-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema

jintroduċu d-dispożizzjonijiet mehtëġa permezz ta' ftehim, filwaqt li l-Istati Membri huma obbligati li jieħdu l-passi neċessarji sabiex f'kull ħin jkunu jistgħu jigarantixxu ir-riżultati imposti minn din id-Direttiva.

Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jaċċertaw li, fil-każ ta' relazzjonijiet ta' l-impjieg li jeżistu hekk kif jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li huma jadottaw, min iħaddem jagħti lill-ħaddiem, fuq talba, fi żmien xahrejn minn meta jirċievi dik it-talba; kull wieħed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 3, supplimentati, fejn hu xieraq, skond l-Artikolu 4(1).

3. Meta Stat Membru jadotta dawn il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, dawn il-miżuri għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikollhom magħhom din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom mill-ewwel jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li huma jieħdu biex jimplimentaw din id-Direttiva.

L-Artikolu 10

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Ottubru 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

B. DE VRIES